

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

11.1.2007

## **DOKUMENT TA' ĦIDMA**

dwar ir-rwol u l-effettività tal-politika ta' koeżjoni fit-tnaqqis tad-differenzi kbar fil-livell ta' żvilupp fl-ifqar reġjuni ta' l-UE

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Lidia Joanna Geringer de Oedenberg

L-għan tal-politika ta' koeżjoni ta' l-UE huwa li tkattar il-koeżjoni ekonomika u soċjali bejn ir-reġjuni ta' l-Unjoni. Dawk ir-reġjuni li waqgħu lura fl-iżvilupp tagħhom, li qed iwettqu r-ristrutturar jew li huma milquta minn żvantaġġi ġeografiċi, ekonomiċi jew soċjali speċifiċi se jingħataw għajjnuna biex tinstab soluzzjoni għall-problemi tagħhom u biex jimmaniġġjaw id-diffikultajiet tagħhom. Kif juru bosta eżempji, żvilupp ta' suċċess diġa nkiseb f'ħafna mir-reġjuni fl-Unjoni li qabel kienu foqra. Bl-għajjnuna tal-Fondi Strutturali, l-erba' pajjiżi li qabel kienu jissejħu l-pajjiżi ta' koeżjoni, l-Irlanda, il-Greċja, il-Portugall u Spanja, kollha wrew tkabbir notevoli.

Madankollu, id-differenzi kbar fil-livell ta' żvilupp tar-reġjuni jistgħu jinħassu aktar fl-UE tas-27 milli kienu fl-UE tal-15, li jnissel il-ħtieġa ta' ħidmiet serji dwar kif se jitnaqqsu dawn id-differenzi kbar fil-livell ta' żvilupp. Minkejja l-progress ekonomiku sinjifikanti li diġa seħħ fl-Istati Membri li ssiehu fl-UE fl-2004, id-differenzi fl-iżvilupp qed joktru spiss minħabba nuqqasijiet amministrattivi. It-tkabbir ekonomiku għandu tendenza li jkun ikkonċentrat madwar ċerti żoni. Xhieda ta' konċentrazzjoni bħal din tinstab b'mod partikolari fil-Pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant li r-reġjuni tal-bliet kapitali tagħhom qed jikbru b'rata mgħaġġla. It-tkabbir urban b'kompetittività li tiżdied jista', f'ħafna modi, jnissel żvilupp fil-komunitajiet rurali tal-madwar. Madankollu, ċerti reġjuni għadhom qed juru nuqqas ta' tkabbir ekonomiku. Figuri ta' dan l-aħħar ippubblikati mill-Eurostat juru differenza kbira fl-iżvilupp bejn l-oġġna u l-ifqar reġjuni ta' l-UE, u l-Istati Membri mis-CEE li daħlu ġodda jiddominaw il-pożizzjonijiet tal-qiegħ.

#### Tabella 1

***Il-GDP għal kull abitant fuq bażi Reġjonali fl-UE 25 – il-figuri għall-2003***  
(fi PPS, UE 25=100)

L-ogħla għaxra			L-inqas għaxra		
1	Il-Qalba ta' Londra (UK)	278	1	Lubelskie (PL)	33
2	Brussell-II-Kapitali (BE)	238	2	Podkarpackie (PL)	33
3	Il-Lussemburgu	234	3	Podlaskie (PL)	36
4	Hamburg (DE)	184	4	Świętokrzyskie (PL)	37
5	Île de France (FR)	173	5	Warmińsko-Mazurskie (PL)	37
6	Vjenna (AT)	171	6	Opolskie (PL)	37
7	Berkshire, Buckinghamshire u Oxfordshire (UK)	165	7	Észak Magyarorság (HU)	38
8	Il-Provinċja Awtonoma ta' Bolzano (IT)	160	8	Východné Slovensko (SK)	39
9	Oberbayern (DE)	158	9	Eszag-Alföld (HU)	39
10	Stokkolma (SE)	158	10	Dél-Alföld (HU)	40

## Tabella 2

### Il-GDP għal kull abitant fuq bażi Reġjonali fl-UE 27 – il-figuri għall-2006

(fi PPS, UE 25=100)

Reġjun	Il-GDP (fi PPS) għal kull ras f% tal-medja ta' l-UE-25 (UE-25 = 100)
Il-Qalba ta' Londra (UK)	277.6
Brussell (BE)	237.6
Il-Lussemburgu (LU)	233.9
Hamburg (DE)	184.0
Île de France (FR)	173.3
Vjenna (AT)	170.9
Berkshire, Buckinghamshire u Oxfordshire (UK)	165.1
Il-Provinċja Awtonoma ta' Bolzano/Bozen (IT)	160.0
Oberbayern (DE)	157.9
Stokkolma (SE)	157.9
Åland (FI)	154.3
Utrecht (NL)	152.5
Il-Grigal ta' l-Iskozja (UK)	150.3
In-Nofsinar u l-Lvant (IE)	149.2
Darmstadt (DE)	148.3
.....	
Vest (RO)	34.0
Podkarpackie (PL)	33.2
Lubelskie (PL)	33.2
Ċentru (RO)	32.3
Istocna Hrvatska (HR)	31.0
Nord-Vest (RO)	29.1
Severozapaden (BG)	26.1
Sud-Est (RO)	25.6
Sud-Vest (RO)	25.5
Severoiztochen (BG)	25.3
Yugoiztochen (BG)	24.9
Yuzhen tsentralen (BG)	24.6
Sud (RO)	24.4
Severen tsentralen (BG)	24.2
Nord-Est (RO)	21.7

Ir-Reġjuni bl-inqas/l-ogħla GDP għal kull ras (fi SPP) (UE 25=100)

Dan l-abbozz ta' rapport dwar l-inizjattiva għandu l-għan li jenfasizza ċerti prinċipji dwar kif l-Istati Membri u l-UE jistgħu jaħdmu biex iżidu l-effettività tal-politika ta' koeżjoni ta' l-UE fl-ifqar reġjuni. Fondi twarrbu għall-iżvilupp ta' l-ifqar reġjuni fil-perspettiva finanzjarja ta' l-2007-2013. Dawn il-fondi issa jridu jkunu assorbiti b'mod effiċjenti.

Li t-tkabbir ekonomiku jsir aktar mgħaġġel fl-ifqar reġjuni hija kundizzjoni minn qabel essenzjali biex jikkattu livelli ta' l-għajxien għolja u fuq medda twila ta' żmien fl-Unjoni. Il-konverġenza tar-reġjuni ta' l-UE hija ta' importanza kruċjali jekk l-Unjoni trid issir kompetittiva u b'saħħitha fuq skala globali fil-ġejjieni. L-impatt tal-politika qiegħed f'riskju li jiddgħajjed bl-ispejjeż li qegħdin jiżdiedu jitħallew għall-ġejjieni, jekk ir-reġjuni li qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet ta' l-iżvilupp jibqgħu jaqgħu lura.

- Il-politika ta' koeżjoni ta' l-UE trid **identifika l-ħtiġijiet partikolari** ta' l-ifqar reġjuni u ssib mekkaniżmi preċiżi li jagħtu spinta lill-iżvilupp tagħhom.

Huwa fundamentali li jinstabu l-ħtiġijiet ewlenin ta' reġjun individwali u li l-fondi jkunu ffukati fil-livell adattat. Għall-pajjiżi ta' koeżjoni, irid ikun miftiehem "sfond" infrastrutturali

għal investimenti oħra. M'hemmx kontradizzjoni speċifikata bejn il-kompetittività u l-għan tal-koeżjoni; madankollu, il-punt essenzjali huwa li jkun miftiehem fejn l-effett ta' lieva jgħolli t-tkabbir. Biex jilhqqu ċertu livell ta' kompetittività, ir-reġjuni f'qar iridu jkunu żviluppaw l-infrastruttura u r-riżorsi umani bażiċi xierqa.

- Li jeżistu **diffikultajiet biex l-ifqar reġjuni jassorbu** l-fondi hija problema rilevanti. L-awtoritajiet bosta drabi ma jkollhomx il-ħiliet u l-esperjenza jew il-fondi xierqa biex isibu tarf tal-ħtiġijiet ikkumplikati tal-politika ta' koeżjoni, u għaldaqstant ma jkunux jistgħu jitolbu l-fondi li, fil-prinċipju, huma intitolati għalihom.

Din hija problema urġenti speċjalment għall-Istati Membri l-ġodda u l-pajjiżi li deklin.

### Tabella 3

#### **Ir-rata reali tat-tkabbir tal-GDP**

Ir-rata tat-tkabbir tal-volum tal-GDP – il-bidla fil-perċentwal fuq is-sena ta' qabel (1-2006, 1-2007 u 1-2008 juru tbassir)

	1997	-98	-99	-00	-01	-02	-03	-04	-05	-06	-07	-08
Il-Bulgarija	-5.4	3.9	2.3	5.4	4.1	4.9	4.5	5.6	5.5	6.0	6.0	6.2
Ir-Rumanija			-1.2	2.1	5.7	5.1	5.2	8.4	4.1	7.2	5.8	5.6
UE 25	2.7	3.0	3.0	3.9	2.0	1.2	1.3	2.3	1.7	2.8	2.4	2.4
UE 15	2.6	2.9	3.0	3.9	1.9	1.1	1.1	2.2	1.5	2.6	2.2	2.3

Kif jidher fit-Tabella 3, il-potenzjal għat-tkabbir ekonomiku jidher b'mod partikolari fiż-żewġ pajjiżi li nġhaqdu ma' l-UE fl-2007 – il-Bulgarija u r-Rumanija. Biex jindirizzaw b'mod sħiħ dan il-potenzjal għall-iżvilupp, l-amministrazzjonijiet rilevanti jridu jaħdmu b'mod effettiv. Il-ħtieġa għall-ħiliet istituzzjonali hija enfazzata bħala ħtieġa minn qabel għat-twettiq b'suċċess tal-programmi u l-proġetti flimkien ma' l-iżvilupp tar-riżorsi umani. Matul il-perjodu ta' għajjnuna ta' qabel id-dħul diversi programmi wrew għadd kbir ta' nuqqasijiet istituzzjonali, managerjali u amministrattivi li s'issa għadhom ma nġhelbux b'mod sħiħ imma li jridu jkunu indirizzati fil-ġejjieni qrib kemm jista' jkun, jekk il-fondi jridu jkunu investiti u minfuqa b'mod preċiż.

L-immaniġġjar effettiv tal-fondi strutturali jitlob **il-koordinazzjoni tal-livelli differenti (politiċi, tekniċi u amministrattivi)**. Din hija problema urġenti fl-Istati Membri l-ġodda u jeħtieġ li tittieħed azzjoni ħafna aktar effettiva. Diskussjonijiet biex tkun assigurata l-koerenza bejn l-UE, l-Istati Membri u r-reġjuni huma ta' importanza essenzjali, u l-ebda qasam tal-ħidma tal-gvern m'għandu jitħalla barra minn dan id-djalogu strutturat. Il-politika ta' koeżjoni m'hijiex biss dwar il-fondi ekonomiċi, hija wkoll dwar **sħubija bejn dawk kollha li għandhom interess rilevanti**. Biex jittejjeb l-effett ta' lieva, mhux livell wieħed irid jaħdem u jikkopera; fluss tajjeb tat-tagħrif u sħubijiet adattati huma għaldaqstant meħtieġa b'mod partikolari.

- Għandu jkun stabbilit qafas li jwettaq l-interazzjonijiet kif ukoll l-iskambju ta' l-esperjenzi, dan l-isforz jista' jiffaċilita l-ftehim dwar normi u standards li jkabbru l-ħiliet amministrattivi fl-immaniġġjar tat-twettiq tar-regolamenti u r-regoli.

Huwa fundamentali li jsir aktar użu tas-**Sħubija Pubblika-Privata** sabiex ikunu bbaġitjati l-fondi u sabiex il-kapital isir disponibbli. Ir-regoli jridu jkunu miftiehma għat-twettiq tal-PPPs, u l-ostakoli għal dan għandhom jitnaqqsu. Jeżisti nuqqas ta' prattiki tajbin fl-Istati Membri l-ġodda.

- L-importanza ta' **l-addizzjonalità** jeħtieġ ikun enfasizzat aktar. Is-sehem tal-kapital privat huwa aspett ewlieni li għandu l-potenzjal li jagħti spinta lill-investment addizzjonali. L-appoġġ finanzjarju għandu jintefaq b'mod trasparenti biex ikun assigurat li jilħqu l-miri stabbiliti.
- **Jaspers, Jeremie u Jessica** huma għodda tajbin ħafna biex jgħinu, fost affarijiet oħra, l-SMEs fil-livell reġjonali, imma għandu jitwettaq ħafna aktar mill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex isiru aktar magħrufa u biex ikun assigurat li jsir użu sħiħ u effettiv minnhom, b'mod partikolari fl-ifqar reġjuni.
- L-iżvilupp ekonomiku huwa marbut mill-qrib ma' **l-innovazzjoni** li, barra minn hekk, hija element ewlieni għall-iżvilupp reġjonali. Il-politika ta' koeżjoni ta' l-UE trid, taħt l-Istrateġija ta' Lisbona, tkun indirizzata lejn it-tkabbir tal-kapaċità innovattiva ta' l-UE u għalhekk huwa importanti li dan l-għan ma jwarrabx l-ifqar reġjuni.
- L-intraprenditorija trid tkun appoġġjata b'mod attiv, u dan jeħtieġ is-sehem ta' daww kollha li għandhom interess rilevanti. L-intraprenditorija għandha tingħata promozzjoni b'mod partikolari fost in-nisa u ż-żgħażaġh li deklin fis-suq tax-xogħol u fost il-gruppi esklużi soċjalment. Fattur importanti fil-promozzjoni ta' l-innovazzjoni huwa li titjeb il-kwalità tar-regoli u r-regolamenti fil-pajjiżi ta' l-UE, sabiex ikun assigurat li dawn ikatru, minflok jostakolaw, il-proċessi ta' innovazzjoni fis-setturi importanti ta' l-ekonomija. L-ifqar reġjuni hemm probabbiltà li jkunu aktar dgħajfa f'dan ir-rigward.

Għadd ta' eżempji juru n-nuqqas ta' ħila fl-Istati Membri l-ġodda biex jintużaw il-fondi. Il-**kwalitajiet amministrattivi għaldaqstant iridu jitjiebu** sabiex ir-reġjuni li qed jirċievu l-fondi jkunu kapaċi jassorbuhom u jagħmlu użu tajjeb mill-għajjnuna. L-għajjnuna teknika hija essenzjali, speċjalment fit-tnejjija għat-twettiq tal-proġetti l-ġodda. Hemm spinta għall-kwalità, kemm minn barra taħt ix-xejra ta' tagħrif espert, imma wkoll minn għewwa, li jkun magħruf x'inhom meħtieġ u li jitwettqu kontrolli adattati dwar il-kwalità fuq il-proġetti u l-infiq tal-fondi. Hemm ukoll sejħa għall-ivvalutar aġġornat ta' proġetti sostenibbli li diġà twettqu.

- Ammont speċjali mill-fondi jista' jintefaq fuq it-tnejjija, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-esperti. Din l-għajjnuna, jekk tintefaq sewwa, tista' twassal biex tkun ta' importanza essenzjali, speċjalment fil-pajjiżi li għandhom sistema amministrattiva aktar kumplessa.

Huwa importanti li **l-fondi jaslu għand ir-reġjuni eliġibbli b'mod mgħaġġel**. Kultant jgħaddi wisq żmien biex il-fondi jaslu għand il-benefiċjarji, u hija sfida għall-partijiet kollha biex jiċċirkulawhom b'mod effettiv.

Huwa diffiċli li tkun evitata l-kumplessità fis-sistema ta' l-użu tal-fondi strutturali, li fuqha għandhom impatt tliet livelli differenti ta' regolamenti: ir-regoli tal-komunità, l-oqfsa nazzjonali u l-prattiċi fil-livell reġjonali. Is-**simplifikazzjoni tal-proċeduri** hija, għaldaqstant, sfida għat-tliet livelli kollha kemm huma, biex jevitaw kwalunkwe interpretazzjoni li ssir wara u biex jiffaċilitaw u jħaffu t-twettiq tal-programmi.

**Hemm il-ħtieġa ta' sinerġija bejn politiki**, kemm dawk Ewropej kif ukoll dawk nazzjonali. Oqsmi differenti tal-politika għandhom jikkumplimentaw lil xulxin u mhux jaħdmu kontra xulxin. Il-konċentrazzjoni territorjali f'pajjiżi u reġjuni individwali tal-benefiċċji ta' oqsmi oħra tal-politika Ewropea jista' per eżempju jdgħajjef l-impatt tal-politika ta' żvilupp. L-iżvilupp reġjonali jrid ikollu wkoll dimensjoni soċjali kif ukoll ambjentali.

- L-impatt ta' effetti li potenzjalment jistgħu jiżlugaw oqsmi differenti tal-politika għandu jitqies u jkun studjat fir-reviżjoni intermedja ta' l-2009 tal-baġit tal-Komunità u fir-raba' Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali.

Biex tingħata spinta lill-koeżjoni u l-iżvilupp effettiv fl-ifqar reġjuni, hemm il-ħtieġa li jkunu **mmobilizzati il-partijiet interessati kollha**; biex ikunu inklużi u biex ikun assigurat is-sehem bl-aktar mod sħiħ ta' dawk kollha kkonċernati.

In-nuqqas ta' xogħol – li jolqot bl-aktar mod qawwi lill-ifqar reġjuni – irid ikun miġġieled. L-eżistenza tan-nuqqas ta' xogħol fuq medda twila ta' żmien fost ċerti gruppi soċjali huwa partikolarment ta' tħassib. **Bil-għan li tinkiseb koeżjoni soċjali, iridu jsiru sforzi biex tkun assigurata l-aħjar integrazzjoni possibbli tal-persuni b'diżabilità**. Dan huwa prerekwiżit biex jinkisbu livelli ta' għajxien preċiżi għas-soċjetà kollha ta' l-UE. Barra minn hekk, il-koeżjoni fl-UE tkun mgħejjuna minn opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa fis-suq tax-xogħol. Għad hemm differenzi rigward il-livell tas-salarju bejn l-irġiel u n-nisa u dan ixejkel l-ekonomija milli tikber. L-attenzjoni għad-differenzi bejn l-irġiel u n-nisa se żżid il-kwalità tat-twettiq effettiv tal-politika ta' koeżjoni. Dawk li jħaddmu u l-ħaddiema fil-livelli kollha tal-proċess jeħtieġ li jkollhom għarfien dwar dan, u ħidma adattata jeħtieġ li ssir f'dan il-qasam.

- Jeħtieġ li jingħata tagħrif dwar il-ħtieġa għal u l-modi ta' twettiq ta' metodu li jħares l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa meta jitwettqu u jkunu evalwati l-programmi u l-proġetti, billi jsir użu aħjar ta' l-istudji u l-analiżi li diġà twettqu. Realizzazzjonijiet Prattiċi ta' suġġetti bħal dawn għad jistgħu jsiru, bħall-assigurazzjoni li l-baġit iħares l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa (pereżempju l-baġit huwa biżżejjed biex jitwettqu ħidmiet għal opportunitajiet indaqs), li tagħmel lill-imsieħba soċjali u l-atturi rilevanti jagħrfu aħjar l-aspetti differenti marbuta ma' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u li tassigura d-disponibilità ta' tagħrif espert dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. Huwa essenzjali metodu intelliġenti għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħajja soċjali u ekonomika, filwaqt li jevita l-isterjotipar tar-rwoli soċjali ta' l-irġiel u n-nisa, biex il-politika ta' koeżjoni ssir aktar effettiva.

Metodu ta' żvilupp ibbilanċjat imfassal skond il-karatteristiċi u l-problemi speċifiċi ta' reġjun

huwa vitali fl-ifqar reġjuni jekk il-politika Ewropea mmirata lejn it-tnaqqis tad-differenzi kbar fl-iżvilupp, iridu jsiru strateġiji tabilħaqq sostenibbli għall-iżvilupp u l-koeżjoni ta' l-UE.